

# Is-Surmast John Mamo

Kitba tas-Sur Daniel Vella
Preżentatur Marċifest Radju Malta

Is-Surmast JOHN MAMO huwa wieħed minn dawk il-Maltin mimli ħila u talent li matul il-95 sena li għaddew, ferraħ mhux ftit lil sħabu fis-soċjetà. Il-ħila tiegħu kemm bħala bandist, bħala surmast u kif ukoll bħala kompożitur kienet il-mezz li biha ħa sehem attiv mhux ftit u t-talenti tiegħu ħallew il-frott.

Missieru Ġanni kien negozjant tal-għamara u sewwa sew kellhom ħanut tagħhom f'Birkirkara fejn l-isqaq tas-sorijiet quddiem l-Għassa tal-Pulizija. Huwa kien joqgħod fil-pjazza ta' San Franġisk fejn għex it-tfulija tiegħu, fejn jiftakar saħansitra l-mogħoż jiġġerrew mal-bejjiegħa li kienu jiġu minn tal-Balal.

Huwa beda l-karriera mużikali tiegħu mal-banda Sant'Elena ta' Birkirkata fejn beda jitgħallem fl-età żgħira ta' seba' snin u ta' tmien snin ħareġ idoqq l-althorn mal-istess banda. L-istrument dak iż-żmien kien jiswa erba' liri biss, imma missieru ma kellux minn fejn jixtrihulu, għalhekk permezz ta' ġabra mingħand il-qraba tal-familjari tiegħu kienu xtrawlu wieħed. Ġanni baqa' jitgħallem il-mużika taħt idejn is-Surmast Costa, li kien żiemel fl-arti mużikali.

## It-tbatija, ix-xogħol, il-kultura, il-ħidma u l-mużika

Sa minn meta kien għandu daqsxejn ta' tifel Ġanni Mamo baqa' dejjem jaħdem ma' missieru fin-negozju tal-għamara. In-nies kienu jiġu għandhom fil-ħwienet tagħhom ta' Bormla u ta' tas-Sliema, din hi karatteristika oħra ta' ambjent qadim tal-bniedem universali u l-bniedem Malti ħa sehem ukoll f'din il-mixja biex kiseb il-progress li niftaħru bih. Iż-żwieġ bejn il-kultura u x-xogħol, bejn il-qalb u l-id f'ambjent ta' tbatija u faqar, li minkejja kollox, ma kienx jirnexxielu jsewwed qalb il-bniedem, anzi kien donnu aktar jagħmlu ferħan u kuntent b'dak il-ftit li kellu u li Alla bagħtlu.

Meta Ġanni kellu xi għoxrin sena kien diġà magħruf bħala bandist mill-aqwa. Is-Surmast Anthony Aquilina kien sema' bih u bagħat għalih biex jingħaqad mal-banda tal-RMA.

Fil-25 ta' Awwissu tal-1939, Mamo daħal suldat iżda ftit wara fit-3 ta' Settembru faqqgħet il-gwerra. Ġanni daħal mill-ewwel bħala bandist ukoll jekk kienet ħaġa tqila li jidħol bandist regolari. Matul il-gwerra kienu sfrattaw ftit, għax bħala bandisti ma setgħux jibqgħu għaddejjin bħallikieku ma kien hemm gwerra xejn. Jiftakar li kienet ħajja iebsa mimlija biża' u mewt. Meta l-gwerra ndrat xi ftit, u meta l-poplu ntebaħ li kien se jkollu jgħix f'dawk il-waqtiet tal-biża' nqala' uffiċjal Ingliż, ċertu CRA Beckett, dilettant kbir tal-mużika u sejjaħ lill-Aquilina u qallu jerġa' jgħaqqad il-banda. Matul il-gwerra kienu ta' kuljum imorru jdoqqu fil-fortizzi madwar Malta, daqqa Tignè, daqqa Delimara, Binġemma, l-aqwa li jtellgħu l-moral.

Is-Surmast Anthony Aquilina kien għaqqad banda ta' sittin li wħud minnhom inġabbru bil-lieva biex ikunu jistgħu jdoqqu u jferrħu lis-suldati.

Ta' dsatax-il sena, qabel ma daħal mal-RMA, is-Surmast Mamo kien diġà miżżewweġ, iżda ma kellux igawdi lill-martu wisq għaliex ta' 23 sena romol, meta martu kien għad kellha 19-il sena. Xi żmien wara l-gwerra ħareġ minn mal-banda tal-militar, ukoll jekk il-Maġġur Aquilina għamel li seta' biex ma jħallihx jitlaq. Ġanni daħal jaħdem bħala messaġġier l-Università l-Qadima u kien jagħmel xi ħaġa barranija fuq il-bank tax-xogħol ta' missieru. Missieru kellu wkoll ħanut quddiem l-istess Università. Darba waħda, waqt li kien qiegħed il-ħanut ġie wieħed mis-Siġġiewi ċertu Karmenu Micallef u qallu dan il-preċiż kliem "x'ġaralna s-Siġġiewi, spiċċajna bla surmast, m'għandniex min iħabbtilna!" Is-Surmast qatt ma kien rah qabel lil dan il-bniedem imma wara diskursata, mal-ewwel saru jafu lil xulxin u saru ħbieb sewwa, fejn is-Surmast Mamo urieh ix-xewqa li jibda jħabbat hu.

Tajjeb hawnhekk insemmi li sa dak iż-żmien

Mro Ġanni Mamo kien diġà ħabbat mal-Banda Sant'Elena u xi drabi mal-Banda Filarmonika Nazzjonali La Vallette.

Ftit taż-żmien wara kien tkellem mal-Kumitat Ċentrali tal-Banda San Nikola u minn dak iż-żmien baqa' Direttur tal-istess Banda għal erbgħin sena sħaħ, fejn sfortunatament minħabba raġuni ta' saħħa kellu jirriżenja wara karriera hekk twila.

Ta' min isemmi wkoll li s-Surmast Ġanni Mamo kien Surmast Direttur mal-banda Imperial tal-Mellieħa. Huwa laħaq Surmast ta' din il-banda Melleħija fl-1980 u dam jokkupa din il-kariga sal-1997. Mal-Banda Imperial is-Surmast Mamo barra li kien Surmast li mexxa din il-Banda b'ħeġġa kbira, baqa' magħruf ħafna għall-Innu Marċ tant tal-widna magħruf bħala **tal-iljun**, fost il-ħafna kompożizzjonijiet oħra li kiteb ma' din il-banda.



Is-Surmast Mamo jemmen fid-dixxiplina u s-serjetà. Waqt il-ħin tal-istudju kien jemmen li l-ħila naturali waħedha mhux biżżejjed, iżda trid magħha preparazzjoni kbira u ma taqta' xejn, biex wieħed jilħaq il-perfezzjoni. Ġanni jgħid: "is-serjetà tal-bandisti trid tidher meta jmorru għall-kunċerti, jekk ma tmurx għall-kunċerti kif tista' titgħallem il-partitura sewwa?" Meta Ġanni kien ser ikun idoqq xi parti l-ewwel kien ikun irid jaraha u jistudja sewwa mbagħad imur għall-kunċerti. Illum il-baned jidher li għandhom futur tajjeb, hemm aktar baned ġodda imma xi bandisti jippretendu li jdoqqu bla ma jmorru kunċerti "Din mhux serjetà!" Hekk kien jaħsibha l-moħħ tal-bravu Surmast Mamo.



Mro John Mamo kkompona madwar 150 marċ li ħafna minnhom jindaqqu minn baned ta' madwar Malta u Għawdex kif ukoll Marċi Funebri u Innijiet.

Fost il-marċi brijużi sbieħ li Mro Mamo kiteb insibu ***FIORITÀ, NATIONAL DAY, ĠANNITO, TAL-BANDLI, GRAZZI MA' ŻAREN U LIENI TAL-AWSTRIJA, ZUIKTO, ORIET BOLERO, MARGOT*** u ħafna oħrajn. M'hemmx dubju li ħafna minn dawn il-marċi brijużi, il-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu rekordjati minn bosta baned. Bl-aktar baned li rrekordjaw marċi ta' Mro Ġanni Mamo tul dawn l-aħħar tletin sena, insibu bla dubju, il-Banda Imperial u l-Banda San Nikola – iż-żewġ baned li tagħhom kien Surmast Direttur, kif ukoll il-Banda Sant'Elena u l-Banda tal-Filarmonika Nazzjonali La Vallette.

Is-Surmast Mamo kellu appoġġ kbir minn martu Mary. Kienet dik il-mara ideali li fasslet ħajjitha fuq l-istil ta' ħajja li kellu jgħaddi minnha żewġha. Ma kinitx ħajja faċli, għaliex filgħaxijiet aktarx dejjem waħedha waqt li hu ikun għall-kunċerti jew mal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi jew mal-Banda Imperial tal-Mellieħa.

Is-Surmast Mamo għalkemm illum ma jinsabx aktar magħna, kien u għadu magħruf ħafna għall-qalb il-poplu Malti u Għawdxi speċjalment dawk midħla tal-baned Maltin. Qatt m'aħna ser ninsew lis-Surmast Mamo bħala kompożitur u Surmast ideali u ta' eżempju għal ħaddieħor, li jiena u bħal ħafna nies bħali li huma mdaħħla sewwa fl-Għaqda Mużikali għandna nkunu kburin bih, iżda l-aktar u mhux l-inqas għax kien Surmast ta' kapaċità kbira.

Is-Surmast Mario miet nhar is-16 ta' Lulju 2012 fl-età ta' ħamsa u disgħin sena. Dan rispett kbir li kellu Mro Mamo, minn nies li kienu jafuh sewwa, ġie mogħti lilu fil-funeral tiegħu li sar ġewwa Birkirkara nhar l-Erbgħa 18 ta' Lulju wara nofsinhar. Fejn qabel il-Quddiesa Funebri li saret fil-Knisja Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena, sar korteo bit-tebut li kien akkumpanjat permezz ta' tliet baned magħqudin f'banda waħda, il-Banda Sant'Elena, il-Banda San Nikola u l-Banda Imperial. Fl-istess Korteo ndaqqu diversi marċi funebri b'mod partikolari tal-istess Mro Mamo.

**GRAZZI SURMAST TAX-XOGĦOL KBIR LI INT WETTAQT FIL-KAMP BANDISTIKU MALTI… MHU SER NINSEWK QATT!!!!!**

Mulej agħtih il-Mistrieħ ta' dejjem.